VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,098, 14 ta' Ġunju, 2013
Taqsima B

A.L. 158 tal-2013

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Proċedura ta' Applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Relattiva)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 60 u 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni ta' Proċessi Amministrattivi u l-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, wara kunsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamlu dawn r-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u applikabilita`.

A.L. 514 tal-2010.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Proċedura ta' Applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Relattiva), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2010 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Proċedura ta' Applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Relattiva), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) (a) Id-dispozizzjonijiet tar-regolamenti 2 (a) u 4 ta' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal kull permess għal żvilupp li jkun mgħoti fi jew wara it-3 ta' Awwissu, 2006.

(b) Id-dispozizzjonijiet tar-regolamenti 2 (b) u 3 għandhom japplikaw għal kull applikazzjoni pendenti.

Jemenda regolament 2 tar-regolamenti principali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali:

(a) għandha tidħol it-tifsira l-ġdida minnufih wara t-tifsira "l-Awtorita":

" "permess għal żvilupp parzjali" tfisser permess maħrug wara sottomissjoni ta' applikazzjoni parzjali, fejn xi waħda jew aktar mill-materji speċifikati huma riservati għal sottomissjoni u approvazzjoni aktar 'il quddiem;"

(b) għandha tidħol it-tifsira l-ġdida minnufih wara it-tifsira " *screening*":

" "Segretarju Parlamentari" tfisser is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva;"

Jemenda regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

3. Regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat billi jiġi sostitwit is-subregolament (2) tiegħu bis-segwenti subregolament ġdid:

" (2) (a) Sakemm ma jiġix provdut mod ieħor fl-Att jew f'dawn ir-regolamenti, u ħlief kif provdut fil-proċedura imsemmija fil-paragrafi (b), (ċ) u (d) ta' dan is-subregolament, it-termini stabbiliti fis-subregolament (1) tiegħu m'għandhomx jiġu sospiżi;

(b) Kull meta is-Segretarju Parlamentari jikkommunika lill-Awtorita` li *policy* partikolari qed tiġi riveduta, il-perit u l-applikant ta' kwalunkwe applikazzjoni, li fl-opinjoni tal-Awtorita`, tista' tiġi milquta b'tali policy, għandhom jiġu notifikati bir-reviżjoni pendenti ta' tali policy.

(ċ) L-Awtorita` għandha tissospendi applikazzjoni kif provdut fil-paragrafu (d) ta' dan is-subregolament, fuq talba ta' perit jew applikant li jiġu notifikati fit-termini tal-paragrafu (b) ta' dan is-subregolament, wara li l-perit jew l-applikant jirċievu r-rapport imsemmi fis-subregolament (4) tar-regolament 8.

(d) Is-sospensjoni imsemmija fil-paragrafu (ċ) ta' dan is-subregolament għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-*policy* li qed tiġi riveduta tidħol fis-seħħ jew sakemm il-perit jew l-applikant jirtiraw it-talba għas-sospensjoni. Tali sospensjoni f'kull każ m'għandiex tiġi estiża għal perijodu ta' aktar minn sena kalendarja ."

Jiżdied regolament 15 mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied ir-regolament ġdid illi ġej:

"Tiġdid awtomatiku ta' permessi sal-31 ta' Marzu, 2014.

15. Kull permess għal żvilupp, ħlief għal permess għal żvilupp parzjali, li jkun approvat fi jew wara t-3 ta' Awwissu, 2006, li skada qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jew li kieku kien jiskadi qabel il-31 ta' Marzu, 2014, għandu jkun operattiv b'mod awtomatiku sal-31 ta' Marzu, 2014.".